MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Numru. 1141/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**KONTRA**

**CHRISTOPHER MIZZI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Christopher Mizzi ta’ 30 sena, bin Angelo u Rosaria Maria nee’ Attard, mwieled 24 ta’ Jannar 1979, residenti fil- fond Flat 1, Binja F. Sciberras, Ent. D, Pjazza Filippo Sciberras, Floriana u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 75779(M):

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli fl- 10 ta’ Lulju 2007, ghall- habta tas- 1.45pm fi Triq Sant’ Antnin, Hamrun, saq vettura Nru. BAR- 767 u b’nuqqas ta’ hsieb, bi trasskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti tat- traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Josephine Muscat skond kif iccertifika Dr. G. Busuttil M.D. ta’ S.L.H

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Mill-provi prodotti rrisulta li l-imputat, fid-data, lok u hin indikati fit-tahrika, kien qed isuq vann tax-xoghol u diehel bih b’lura fit-triq fejn gara l-incident, sabiex jidhol lura fil-garaxx tax-xoghol stess. Waqt li kien hekk diehel, Josephine Muscat kienet qed tiknes it-triq u la rat u l-anqas semghet lil dan il-vann gej b’lura, meta l-istess vettura kellha “reverse alarm” jahdem u jinstema’. Irrisulta ukoll li din Muscat hi ftit nieqsa mis-smigh, u aktarx ghalhekk ma semghetx il-vann gej lejha. L-anqas ma ratu ghax kellha rasha ‘l isfel thares fejn qed tiknes. Gara li din sfat milquta mill-vann misjuq mill-imputat, u sofriet griehi kawza ta’ hekk. Il-griehi jikkonsistu fi ksur tal-ghadam tal-polz u fl-ghadam tad-driegh, u gew klassifikati bhala gravi per durata.

Mid-dinamika tal-incident, il-Qorti ma tarax li l-imputat huwa responsabbli ghall-istess. L-incident gara unikament minhabba l-agir ta’ Muscat innifisha, li kienet fit-triq meta’ suppost kellha tiehu hi l-prekawzjonijiet mehtiega kollha

biex ma ssofri ebda incident. Min-naha tieghu, l-imputat ghamel il-manuvra tieghu korretta, bl-“alarm” jindika li hu diehel b’ lura, proprju biex javza li hadd m’ghandu joqghod fit-triq f’ dak il-hin. Ma seta’ qatt jissoponi li ser ikun hemm mara anzjana fit-triq tiknes u ma taghtix kaz tal-vettura gejja lejha. L-aqas ma rrisulta xi forma ta’ negligenza kontributorja da parti tieghu, bhal velocita’ eccessiva jew traskuragni ohra, u ghalhekk l-imputat ser jigi liberat minn kull htija w piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 15(1)(a) u (2) tal- Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 226 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------